DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-23 ta' Jannar 2018

li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema għall-Italja

(2018/C 31/04)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 23 u 24 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-listi ta' kandidati ppreżentati lill-Kunsill mill-Gvernijiet tal-Istati Membri,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tiegħu tal-20 ta' Settembru 2016 [2], il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema (il-"Kumitat") għall-perijodu mill-25 ta' Settembru 2016 sal-24 ta' Settembru 2018.

(2) Il-gvern tal-Italja ppreżenta nomini għal diversi karigi li għandhom jimtlew,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Dawn li ġejjin huma maħtura membri u membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema għall-perijodu li jintemm fl-24 ta' Settembru 2018:

I. RAPPREŻENTANTI TAT-TRADE UNIONS

Pajjiż	Membri	Membri supplenti
L-Italja	Is-Sur Salvatore MARRA Is-Sur Giuseppe CASUCCI	Is-Sinjura Ilaria FONTANIN

II. RAPPREŻENTANTI TAL-ASSOĊJAZZJONIJIET TA' MIN IĦADDEM

Pajjiż	Membri	Membri supplenti
L-Italja	Is-Sinjura Paola ASTORRI Is-Sur Fabio ANTONILLI	Is-Sinjura Serena FACELLO

Artikolu 2

Il-Kunsill għandu jaħtar il-membri u l-membri supplenti li għadhom ma ġewx nominati f'data aktar tard.

[1] ĠU L 141, 27.5.2011, p. 1.
[2] Deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Settembru 2016 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema (ĠU C 348, 23.9.2016, p. 3).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Jannar 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

V. GORANOV